Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,349, 31 ta' Jannar, 2003
Taqsima B

A.L. 48 ta' l-2003

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti ta' l-2003 biex jemendaw ir-Regolamenti għall-Kors tad-Diploma in Mangement Studies - Dip. Mangt.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-2003 biex jemendaw ir-Regolamenti għall-Kors tad-Diploma in Management Studies - Dip. Mangt. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1996 għall-Kors tad-Diploma in Management Studies - Dip. Mangt. - ippubblikati bħala Avviż Legali 68 ta' l-1996, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw minn Ottubru 2002 'il-quddiem.

Emenda għar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (1) tar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"7. (1) Kull student għandu jkun meħtieġ jikteb Essay ta' madwar 5,000 kelma fuq suġġett approvat maħsub biex juri kemm l-istudent hu kapaċi jintegra d-diversi aspetti tal-kors ta' studju. L-essay huwa assenjat żewġ kredti."